MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1583/1998/1

**Cit Nru: 1583/98 JA**

**Carmelo u Marija Theresa konjugi Debono.**

**-vs-**

**John Busuttil u Metallic Services Limited u b' digriet datat 29 ta' Frar, 1999 gie ordnat l-intevenut fil-kawza ta' Anna Maria Busuttil.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-24 ta' Lulju, 1998 li bih l-attri ppremettew:

Illi permezz ta' skrittura privata datata s-26 ta' Settembru, 1996, il-konvenuti jew min minnhom bieghu w ikkunsinnjaw lill-atturi, il-vettura tat-tip Volkswagen Golf bin-numru tar-registrazzjoni N-6616, u dan skond il-pattijiet u kondizzjonijiet hemm imsemmija;

Illi fl-istess skrittura kien miftiehem illi l-atturi kienu qeghdin jikkunsinnja lill-konvenuti jew min minnhom, il-vettura tat-tip Honda Civic, bhala depozitu fuq il-prezz tal-vettura mijugha lilhom skond l-istess skrittura;

Billi l-aturi kienu wkoll halsu lill-konvenuti jew min minnhom, depozitu iehor ta' mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm20) fuq il-bilanc dovut lilhom jew min minnhom;

Billi ftit sieghat wara li l-vettura in kwistjoni kienet giet ikkunsinnjata mill-konvenuti jew min minnhom lill-atturi, din zviluppat hsarat fil-magna u ghalhekk l-atturi (sic) kieni kkunsinnjawha lura lill-konvenuti jew min minnhom li accettaw li jaghmlu dawk it-tiswijiet necessarji sabiex l-istess vettura terga' tigi kkunsinnjata lura lill-atturi fil-kondizzjoni patwita;

Billi sussegwentement, l-atturi kienu hallsu wkoll is-somma ta' tlett mija u sittin liri Maltin (Lm360) rapprezentanti lis-*spare parts* necessarji;

Billi l-konvenuti jew min minnhom naqsu sad-data tal-prezentata ta' dan l-atti milli jikkunsinnjaw lura lill-atturi l-vettura in kwistjoni, u dan *nonostante* l-ittra ufficcjali tieghu ta' l-24 ta' April, 1998;

Billi ghalhekk l-atturi ghandhom dritt skond l-Artikoli 1385 u 1404 tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jitolbu li

l-iskrittura tigi xolta u li l-istess konvenuti jew min minnhom iroddu lura kull bilanc fuq il-prezz imhallas minnhom lilhom jew min minnhom fuq il-vettura in kwistjoni, flimkien ma’ dawk l-ispejjez l-ohra relatati;

Ghalhekk jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-iskrittura tas-26 ta’ Settembru, 1996, bejn il-kontendenti hi xolta minhabba l-inadempjenza tal-konvenuti jew min minnhom fir-rigward tal-kunsinna tal-vettura tat-tip Volkswagen Golf Nru. tar-registrazzjoni N-6116;

2. Tillikwida l-valur tal-vettura Honda Civic kkunsinnjata lill-konvenuti jew min minnhom bhala depozitu fuq il-prezz ta’ l-ewwel vettura msemmija u dan permezz ta’ periti nominandi;

3. Tiddikjara l-konvenuti jew min minnhom debituri ta’ l-atturi fis-somma konistenti fil-valur tal-karozza hekk stabbilit, flimkien ma’ pagament fuq akkont imhallas mill-aturi lill-konvenuti jew min minnhom fi flus kontanti fl-ammont ta’ mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250) u tlett mija u sittin liri Maltin (Lm360) rapprezentanti spejjez relatati mal-bejgh tal-vettura in kwistjoni, konsistenti f’ *spare parts*.

4. Tikkundanna l-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi dik l-istess somma komplessiva.

Bl-interessi u bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata mill-atturi fl-24 t’ April, 1998, il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa minn Carmelo Debono fl-24 ta' Lulju, 1998 u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tal-21 ta' Marzu 2000 li permezz taghha l-Qorti iddecidiet illi l-konvenuti John Busuttil u s-socjeta konvenuta kienu kontumaci.

Rat illi nonostante l-intervent fil-kawza ta' Anna Busuttil din ma presentat ebda nota tal-eccezzjonijiet.

Rat l-atti tal-kawza u l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Novembru 2003 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma pjuttost imhawwda u jirrifletti negozju li jsir b' mod dilettantesk fil-bejgh ta' vetturi *second hand.*

L-atturi qed isostnu illi huma xtraw minghad il-konvenuti il-vetutra Volkswagon Golf bin numru ta' registrazzjoni N-6616 permezz ta' skrittura privata datata 26 ta' Settembru 1996. Huma ikkonsenjaw bhala parti mil-ftehiim vettura ohra Honda Civic bhala depositu kif ukoll somma ta' Lm250 fi flus. Billi l-vettura li xtraw svilupatilha hsara huma regghu tawha lill konvenuti ghat-tiswija u hallsu Lm350 ghall parts. Stante li l-vettura baqghet bil-hsara il-vettura baqghet ghand il-konvenuti u ghalhekk issa l-atturi qed jitolbu x-xjoljiment tal-ftehim u rifusjoni tal-prezz tal-Honda u t-Lm350 imsemmija. Naturalment ma hallsux il-bilanc li kienu ftehmu.

Il-konvenuti kif gia inghad kienu kontumaci u minkejja li anke Anna Busuttil baqghet ma ippresentat nota tal-eccezzjonijet,

ghal xi raguni xorta thallew iressqu l-provi taghhom. Fi ftit kliem il-konvenuti qed isostnu li l-atturiipprovaw jitfghu fuqhom ir-responsabilita li l-vettura jgibuhilhom gdida meta ma kienitx.

Il-Qorti mhijex se tordna l-isfilz ta' dawn il-provi biex ma tohloqx problemi eventwali biex din il-vertenza tintemm gudizzjarjament ghaliex ma thossx li kellha titwal daqshekk.

Ghandu jinghad mill-ewwel li l-verzjoni tal-atturi tidher iktar attendibbli u l-fatt li l-konvenut zamm il-vettura ghandhu jikkonferma li l-istess vettura kellha l-hsara u ma kienitx kif nghidu bil-Malti *tajba ghat-triq.* Il-konvenut stess in kontro ezami ammetta li kien biegh karozza f' dan is-sens (Seduta tat-3 ta' Dicembru 2001). Barra minn dan id-dettalji li taw l-atturi u binhom huma tali li jikkonvincu.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom fil-fehma tal-Qorti jigu akkolti.

Kwantu ghall likwidazzjoni jidher illi barra mill-hallsu f' zewg pagamenti is-somma ta' Lm350 (ossija Lm50 u Lm300), hallsu ukoll LMLm206, 85c ghall parts izda hemm diffikolta' dwar il-prezz tal-Honda illi ma gietx indikata fl-iskrittura. Madankollu l-attur esebixxa kopja tal-polza tal-assikurazzjoni relattiva li kienet tindika s-somma assikurata bhala LM1000 (elf lira). Ghall fini ta' din il-kawza pero il-Qorti se tnaqqas ammont arbitrio boni viri billi l-valur assikurat ikun normalment jeccedi l-prezz reali tal-vettura u il-Qorti bl-istess mod se tivvalutaha tmin mitt lira (Lm800).

Il-Qorti thoss illi billi ghall konvenuti din kienet oparazzjoni kummercjali ghandhom jigu tenuti responsabbli solidalment bejnithom.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qed tiddecidi l-kawza billi:**

**1. Tilqa l-ewwel talba u tiddikjara xolta l-iskrittura tas-26 ta' Settembru 1996 bejn il-partijiet minhabba inadempjenza tal-konvenuti;**

**2. Tillikwida l-valur tal-vettura Honda Civic konsenjata lill konvenuti fl-ammont ta' Lm800;**

**3. Tiddikjara l-konvenuti debituri tal-atturi fl-ammont ukoll ta' Lm360 u Lm206, 85c ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni;**

**4. Tikkundanna l-konvenuti biex ihallsu lill-atturi s-somma komplessiva ta' Lm1366, 85c**

**Bl-ispejjes u imghaxjiet legali mid-data tal-presentata tal-kawza (l3 ta' Awwissu 1998) kontra l-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------